MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 729/2002/1

**Futura Home Appliances Co. Ltd.**

**Vs**

**Emanuel Spiteri**

It-Tribunal

Wara li ra t–talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma hamsa u disghin lira Maltin u hdax-centezmu (Lm95.11c0) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ghal bejgh u konsenja ta’ oggetti (Dok A).

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra bonarji tal-10 ta’ Jannar, 2002 u tat-13 ta’ Frar 2002, u bl-imghax legali mid-data tal-avviz tat-talba, ilkoll kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma prezentax risposta

Sema’ lil Avv Dr Frank Cassar jikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont ghadhu dovut

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta’ hamsa u disghin Lira u hdax il-centezmu(Lm95.11) bl-ispejjes u interessi.

-------------------------------TMIEM-------------------------------